# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1485

## tal-15 ta’ Settembru 2021

## li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma’ tifqigħat ta’ influwenza tat-tjur b’livell patoġeniku għoli f’ċerti Stati Membri

*(notifikata bid-dokument C(2021) 6765)*

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) ([1]), u b’mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza tat-tjur b’livell patoġeniku għoli (HPAI) hija marda virali infettiva tal-għasafar u tista’ tħalli impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur u toħloq tfixkil għall-kummerċ fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi. Il-viruses tal-HPAI jistgħu jinfettaw lill-għasafar migratorji u dawn imbagħad jistgħu jinxterdu fuq distanzi twal waqt il-passa tagħhom fil-ħarifa u fir-rebbiegħa. Għaldaqstant, il-preżenza tal-viruses tal-HPAI fl-għasafar selvaġġi hija theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta’ dawn il-viruses fl-azjendi li jżommu t-tjur jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq. Fil-każ ta’ tifqigħa tal-HPAI, hemm riskju li l-aġent tal-marda jinfirex f’azjendi oħra li jżommu t-tjur jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ġdid għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li hu trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. L-HPAI taqa’ fid-definizzjoni ta’ marda elenkata f’dak ir-Regolament, u hija soġġetta għar-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti fih. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta’ ċertu mard elenkat, inkluż miżuri ta’ kontroll tal-mard għall-HPAI.

(3) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 ([3]) ġiet adottata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u din tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tal-mard marbuta ma’ tifqigħat tal-HPAI.

(4) B’mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tipprevedi li ż-żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza stabbiliti mill-Istati Membri wara t-tifqigħat tal-HPAI, f’konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, iridu jinkludu mill-anqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza fl-Anness ta’ dik id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni.

(5) L-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/641 ġie emendat dan l-aħħar bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1454 ([4]) wara tifqigħa ġdida tal-HPAI fit-tjur jew fl-għasafar miżmuma fil-magħluq fin-Netherlands li kien jeħtieġ tiġi riflessa f’dak l-Anness.

(6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/1454, il-Belġju nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI tas-sottotip H5N8 f’azjenda li żżomm it-tjur jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq fil-provinċja ta’ Flanders tal-Punent ta’ dak l-Istat Membru.

---

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta’ Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta’ ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

([3]) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 tas-16 ta’ April 2021 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma’ tifqigħat ta’ influwenza tat-tjur b’livell patoġeniku għoli f’ċerti Stati Membri (ĠU L 134, 20.4.2021, p. 166).

([4]) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1454 tas-6 ta’ Settembru 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma’ tifqigħat ta’ influwenza tat-tjur b’livell patoġeniku għoli f’ċerti Stati Membri (ĠU L 316, 7.9.2021, p. 1).

(7) Barra dan, il-Lussemburgu nnotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI tas-sottotip H5N8 f'azjenda fejn jinżammu t-tjur jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq fil-canton ta' Grevenmacher ta' dak l-Istat Membru.

(8) Barra minn hekk, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI tas-sottotip H5N8 f'azjenda fejn jinżammu t-tjur jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq fir-Reġjun tal-Ardennes ta' dak l-Istat Membru.

(9) Dawk it-tifqigħat fil-Belġju, fi Franza u fil-Lussemburgu huma barra miż-żoni li bħalissa huma elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641, u l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa għall-kontroll tal-mard f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar dawn it-tifqigħat.

(10) Barra minn hekk, it-tifqigħa kkonfermata fil-Belġju tinsab qrib ħafna tal-fruntiera ma' Franza. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk iż-żewġ Stati Membri kkollaboraw kif xieraq fir-rigward tal-istabbiliment taż-żona ta' sorveljanza meħtieġa, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, billi ż-żona ta' sorveljanza testendi fit-territorju ta' Franza.

(11) Barra minn hekk, it-tifqigħa kkonfermata fil-Lussemburgu tinsab qrib ħafna tal-fruntiera mal-Ġermanja. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk iż-żewġ Stati Membri kkollaboraw kif xieraq fir-rigward tal-istabbiliment taż-żona ta' sorveljanza meħtieġa, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, billi ż-żona ta' sorveljanza testendi fit-territorju tal-Ġermanja.

(12) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri għall-kontroll tal-mard li ħadu l-Belġju, il-Ġermanja, Franza u l-Lussemburgu b'kollaborazzjoni ma' dawk l-Istati Membri, u tinsab sodisfatta li l-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Belġju, ta' Franza u tal-Lussemburgu, u ż-żona ta' sorveljanza stabbilita mill-awtorità kompetenti tal-Ġermanja, jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-azjendi fejn ġew ikkonfermati t-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(13) Biex ikun evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni u biex tkun evitata l-impożizzjoni ta' ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ min-naħa tal-pajjiżi terzi, jeħtieġ issir deskrizzjoni mingħajr dewmien fil-livell tal-Unjoni, b'kollaborazzjoni mal-Belġju, ma' Franza u mal-Lussemburgu, taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti minn dawk l-Istati Membri f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(14) Barra minn hekk, jeħtieġ ukoll li ssir deskrizzjoni mingħajr dewmien fil-livell tal-Unjoni, b'kollaborazzjoni mal-Ġermanja, taż-żona ta' sorveljanza stabbilita minn dak l-Istat Membru f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu elenkati ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għall-Belġju, għal Franza u għal-Lussemburgu, u jenħtieġ li tiġi elenkata ż-żona ta' sorveljanza għall-Ġermanja fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641.

(16) Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi emendat l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 biex tiġi aġġornata r-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni ħalli jitqiesu ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti kif xieraq mill-Belġju, minn Franza u mil-Lussemburgu, u ż-żona ta' sorveljanza stabbilita kif xieraq mill-Ġermanja, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u d-durata tar-restrizzjonijiet li japplikaw fihom.

(17) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tapplika sat-30 ta' Settembru 2021. Madankollu, id-durata tar-restrizzjonijiet applikabbli fiż-żoni ristretti stabbiliti mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza u mil-Lussemburgu f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 testendi lil hinn mit-30 ta' Settembru 2021.

(18) Barra minn hekk, minħabba s-sejbiet kontinwi tal-viruses tal-HPAI fl-għasafar selvaġġi fl-Unjoni u r-riskji tat-tixrid ta' dik il-marda minn għasafar selvaġġi migratorji matul l-istaġun tal-passa fil-ħarifa tagħhom, hemm riskju dejjem akbar ta' tifqigħat ulterjuri fit-tjur tal-irziezet u fl-għasafar miżmuma fil-magħluq.

(19) Għalhekk huwa xieraq li l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 jittawwal sat-30 ta' Settembru 2022, biex ikopri l-istaġun tal-passa annwali li jmiss tal-għasafar selvaġġi migratorji. Din l-estensjoni tqis ukoll l-iżviluppi attwali fis-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tal-HPAI u r-riskji korrispondenti għas-saħħa tal-annimali li jirriżultaw minn tifqigħat ulterjuri possibbli ta' dik il-marda.

(20) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tiġi emendata skont dan.

(21) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni rigward it-tixrid tal-HPAI, hu importanti li l-emendi li jridu jsiru lid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 permezz ta' din id-Deċiżjoni, isiru effettivi kemm jista' jkun malajr.

(22) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, id-data "it-30 ta' Settembru 2021" tinbidel bid-data "it-30 ta' Settembru 2022";

(2) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS*

PARTI A

Iż-żoni ta' protezzjoni msemmija fl-Artikoli 1 u 2:

**Stat Membru: Il-Belġju**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Province: West Flanders* | |
| Those parts of the municipalities of Kortrijk, Menen and Wevelgem contained within a circle of a radius of three kilometres, centered on WGS84 dec. coordinates long 3,2141 - lat 50,7990 | 22.9.2021 |

**Stat Membru: Franza**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Les communes suivantes dans le département: ARDENNES (08)* | |
| BALLAY; VANDY; VOUZIERS | 4.10.2021 |

**Stat Membru: Il-Lussemburgu**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| Entire municipality of Betzdorf.<br>The following localities in the municipality of Flaxweiler: Flaxweiler and Buchholz. | 27.9.2021 |

**Stat Membru: In-Netherlands**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Province: Overijssel* | |
| 1. Vanaf kruising Zwijnenbergerweg / Raalterweg, Raalterweg volgen in noordelijke richting tot aan Groote Vloedgraven(water).<br>2. Groote Vloedgraven(water) volgen in oostelijke richting tot aan G.J.Kappertweg.<br>3. G.J.Kappertweg volgen in noordelijke richting tot aan Oosterkampweg.<br>4. Oosterkampweg volgen in noordelijke richting tot aan Weseperenkweg.<br>5. Weseperenkweg volgen in oostelijke richting tot aan Stroeksweg.<br>6. Stroeksweg volgen in noordelijke richting tot aan Overmeenweg.<br>7. Overmeenweg volgen in oostelijke richting tot aan Oosterenkweg.<br>8. Oosterenkweg volgen in oostelijke richting via (nr. 11a) tot aan Overijssels kanaal(water).<br>9. Overijssels kanaal(water) volgen in noordelijke richting tot aan Heetenseweg (nr. 9b).<br>10. Heetenseweg (nr. 9b) zandweg volgen in oostelijke richting tot aan Schoonhetenseweg.<br>11. Schoonhetenseweg volgen in zuidelijke richting, overgaand in Veldzichtweg tot aan Haarlesedijk.<br>12. Haarlesedijk volgen in oostelijke richting tot aan Portlanderdijk.<br>13. Portlanderdijk volgen in oostelijke richting tot aan Poggebeltweg.<br>14. Poggebeltweg volgen in westelijke richting tot aan Holterweg.<br>15. Holterweg volgen in zuidelijke richting tot aan Okkenbroekerstraat.<br>16. Okkenbroekerstraat volgen in westelijke richting, overgaand in Vlessendijk tot aan Muldersweg.<br>17. Muldersweg volgen in zuidelijke richting tot aan Oerdijk.<br>18. Oedrijk volgen in westelijke richting tot aan Bathmenseweg.<br>19. Bathmenseweg volgen in noordelijke richting tot aan Butersdijk.<br>20. Butersdijk volgen in westelijke richting tot aan Spanjaardsdijk.<br>21. Spanjaardsdijk volgen in westelijke richting tot aan Kanaaldijk west.<br>22. Kanaaldijk west volgen in noordelijke richting tot aan Zwijnenbergerweg.<br>23. Zwijnenbergerweg volgen in noordelijke richting tot aan Kappertsteeg.<br>24. Kappertsteeg volgen in westelijke richting tot aan Iwlandseweg.<br>25. Iwlandseweg volgen in westelijke richting tot aan Avergoorsedijk.<br>26. Avergoorsedijk volgen in noordelijke richting tot aan Zwijnenbergerweg.<br>27. Zwijnenbergerweg volgen in westelijke richting tot aan Raalterweg. | 14.9.2021 |

**Stat Membru: Il-Polonja**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Mazowieckie voivodship, żuromiński district* | |
| — The following localities in the Bieżuń municipality:<br>Karniszyn, Karniszyn-Parcele, Sadłowo, Sadłowo-Parcele, Strzeszewo;<br>— The following localities in the Żuromin municipality:<br>Chamsk, Młudzyn. | 3.9.2021 |

PARTI B

Iż-żoni ta' sorveljanza msemmija fl-Artikoli 1 u 3:

**Stat Membru: Il-Belġju**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Provinces: West Flanders and Hainaut* | |
| The municipalities or parts of the municipalities of Deerlijk, Estaimpuis, Harelbeke, Kortrijk, Kuurne, Ledegem, Lendelede, Menen, Mouscron, Moorslede, Wervik, Wevelgem and Zwevegem contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centered on WGS84 dec. coordinates long 3,2141 - lat 50,7990 and beyond the area described in the protection zone. | 1.10.2021 |
| Those parts of the municipalities of Kortrijk, Menen and Wevelgem contained within a circle of a radius of three kilometres, centered on WGS84 dec. coordinates long 3,2141 - lat 50,7990 | Mit-23.9.2021 sal-1.10.2021 |

**Stat Membru: Il-Ġermanja**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| **RHEINLAND-PFALZ** | |
| **Id-distrett ta' Trier-Saarburg**<br>Gemarkungen Temmels, Wellen, Nittel (im Osten begrenzt durch die K 110), Köllig, Rehlingen, Wincheringen (im Osten begrenzt durch die K 110, in der Ortslage Trierer Straße, Warsberger Straße und Helfanter Straße) sowie Wehr (im Süden begrenzt durch die B 419). | 6.10.2021 |

**Stat Membru: Franza**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Les communes suivantes dans le département: ARDENNES (08)* | |
| ATTIGNY<br>BELLEVILLE-ET-CHÂTILLON-SUR-BAR<br>BOULT-AUX-BOIS<br>BOURCQ<br>BRÉCY-BRIÈRES<br>CHARDENY<br>BAIRON ET SES ENVIRONS<br>CHUFFILLY-ROCHE<br>CONTREUVE<br>COULOMMES-ET-MARQUENY<br>LA CROIX-AUX-BOIS<br>FALAISE<br>GRIVY-LOISY<br>LAMETZ<br>LONGWÉ<br>MARS-SOUS-BOURCQ<br>MONTGON<br>MONT-SAINT-MARTIN<br>NEUVILLE-DAY<br>NOIRVAL<br>OLIZY-PRIMAT<br>QUATRE-CHAMPS<br>QUILLY<br>RILLY-SUR-AISNE<br>SAINT-LAMBERT-ET-MONT-DE-JEUX<br>SAINTE-MARIE<br>SAINT-MOREL<br>SAINTE-VAUBOURG<br>SAVIGNY-SUR-AISNE<br>SEMUY<br>SUGNY<br>SUZANNE<br>TANNAY<br>TOGES<br>TOURCELLES-CHAUMONT<br>VAUX-CHAMPAGNE | 13.10.2021 |

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| VONCQ | |
| BALLAY ; VANDY ; VOUZIERS | Mill-5.10.2021 sat-13.10.2021 |
| *Les communes suivantes dans le département: NORD (59)* | |
| BOUSBECQUE ; HALLUIN ; NEUVILLE-EN-FERRAIN ; RONCQ ; TOURCOING ; WATTRELOS | 1.10.2021 |

**Stat Membru: Il-Lussemburgu**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| The entire municipalities of Bech, Biwer, Grewenmacher, Junglinster, Lenningen, Manternach, Niederanven, Schuttrange and Wormeldange.<br>The municipality of Flaxweiler excluding the localitiest covered by the protection zone (Flaxweiler and Buchholz). | 6.10.2021 |
| Entire municipality of Betzdorf.<br>The following localities in the municipality of Flaxweiler: Flaxweiler and Buchholz. | Mit-28.9.2021 sas-6.10.2021 |

**Stat Membru: In-Netherlands**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Province: Overijssel* | |
| 1. Vanaf kruising Zwijnenbergerweg / Raalterweg, Raalterweg volgen in noordelijke richting tot aan Groote Vloedgraven(water).<br>2. Groote Vloedgraven(water) volgen in oostelijke richting tot aan G.J.Kappertweg.<br>3. G.J.Kappertweg volgen in noordelijke richting tot aan Oosterkampweg.<br>4. Oosterkampweg volgen in noordelijke richting tot aan Weseperenkweg.<br>5. Weseperenkweg volgen in oostelijke richting tot aan Stroeksweg.<br>6. Stroeksweg volgen in noordelijke richting tot aan Overmeenweg.<br>7. Overmeenweg volgen in oostelijke richting tot aan Oosterenkweg.<br>8. Oosterenkweg volgen in oostelijke richting via (nr. 11a) tot aan Overijssels kanaal(water).<br>9. Overijssels kanaal(water) volgen in noordelijke richting tot aan Heetenseweg (nr. 9b).<br>10. Heetenseweg (nr. 9b) zandweg volgen in oostelijke richting tot aan Schoonhetenseweg.<br>11. Schoonhetenseweg volgen in zuidelijke richting, overgaand in Veldzichtweg tot aan Haarlesedijk. | Mill-15.9.2021 sat-23.9.2021 |

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| 12. Haarlesedijk volgen in oostelijke richting tot aan Portlanderdijk.<br>13. Portlanderdijk volgen in oostelijke richting tot aan Poggebeltweg.<br>14. Poggebeltweg volgen in westelijke richting tot aan Holterweg.<br>15. Holterweg volgen in zuidelijke richting tot aan Okkenbroekerstraat.<br>16. Okkenbroekerstraat volgen in westelijke richting, overgaand in Vlessendijk tot aan Muldersweg.<br>17. Muldersweg volgen in zuidelijke richting tot aan Oerdijk.<br>18. Oedrijk volgen in westelijke richting tot aan Bathmenseweg.<br>19. Bathmenseweg volgen in noordelijke richting tot aan Butersdijk.<br>20. Butersdijk volgen in westelijke richting tot aan Spanjaardsdijk.<br>21. Spanjaardsdijk volgen in westelijke richting tot aan Kanaaldijk west.<br>22. Kanaaldijk west volgen in noordelijke richting tot aan Zwijnenbergerweg.<br>23. Zwijnenbergerweg volgen in noordelijke richting tot aan Kappertsteeg.<br>24. Kappertsteeg volgen in westelijke richting tot aan Iwlandseweg.<br>25. Iwlandseweg volgen in westelijke richting tot aan Avergoorsedijk.<br>26. Avergoorsedijk volgen in noordelijke richting tot aan Zwijnenbergerweg.<br>27. Zwijnenbergerweg volgen in westelijke richting tot aan Raalterweg. | |
| 1. Vanaf kruising A1/ IJssel, de IJssel volgen in noordelijke richting tot aan IJsseldijk ter hoogte van nr. 39.<br>2. IJsseldijk volgen in noordelijke richting tot aan Rembrandkade.<br>3. Rembrandkade volgen in noordelijke richting tot aan Randerstraat.<br>4. Randerstraat volgen in noordelijke richting, overgaand in Roland Holstlaan, overgaand in Overstichtlaan tot aan spoorlijn Deventer-Zwolle.<br>5. Spoorlijn Deventer-Zwolle volgen in noordelijke richting tot aan Omloop.<br>6. Omloop volgen in oostelijke richting tot aan Raalterweg.<br>7. Raalterweg volgen in oostelijke richting tot aan Liederholthuisweg.<br>8. Liederholthuisweg volgen in noordelijke richting tot aan Hagenvoorde.<br>9. Hagenvoorde volgen in oostelijke richting tot aan Wechterhout.<br>10. Wechterhout volgen in noordelijke richting tot aan Raalterwetering(water).<br>11. Raalterwetering(water) volgen in oostelijke richting, overgaand in Oosterbroeks waterleiding(water) tot aan Hagweg.<br>12. Hagweg volgen in zuidelijke richting tot aan Lindertseweg.<br>13. Lindertseweg volgen in oostelijke richting, overgaand in Ommerweg tot aan Luttenbergerweg.<br>14. Luttenbergerweg volgen in zuidelijke richting tot aan Bloemenbosweg.<br>15. Bloemenbosweg volgen in zuidelijke richting, overgaand in Heuvelweg tot aan Hellendoornseweg. | 23.9.2021 |

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| 16. Hellendoornseweg volgen in oostelijke richting tot aan Blikweg.<br>17. Blikweg volgen in zuidelijke richting tot aan Almeloseweg.<br>18. Almeloseweg volgen in oostelijke richting tot aan Nijverdalsebergweg.<br>19. Nijverdalsebergweg volgen in zuidelijke richting, overgaand in Holterbergweg tot aan Molenbelterweg.<br>20. Molenbelterweg volgen in zuidelijke richting tot aan spoorlijn Enschede-Deventer.<br>21. Spoorlijn Enschade-Deventer volgen in westelijke richting tot aan Provincialeweg.<br>22. Provincialeweg volgen in zuidelijke richting tot aan A1.<br>23. A1 volgen in westelijke richting tot aan Boermark.<br>24. Boermark volgen in westelijke richting, overgaand in Bronsvoorderdijk tot aan Braakmanssteeg.<br>25. Braakmanssteeg volgen in zuidelijke richting, overgaand in Looweg tot aan Peppeldijk.<br>26. Peppeldijk volgen in westelijke richting tot aan Kasteelweg.<br>27. Kasteelweg volgen in westelijke richting tot aan Bathmenseweg.<br>28. Bathmenseweg volgen in zuidelijke richting tot aan Lochemseweg.<br>29. Lochemseweg volgen in westelijke richting tot aan spoorlijn Zutphen–Deventer.<br>30. Spoorlijn Zupthen-Deventer volgen in noordelijke richting tot aan A1.<br>31. A1 volgen in oostelijke richting tot aan de IJssel. | |

**Stat Membru: Il-Polonja**

| Iż-żona li tinkludi: | Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Mazowieckie voivodship, żurominski district* | |
| — The following localities in the Bieżuń municipality:<br>Kocewo, Myślin, Dąbrówki, Mak, Władysławowo, Stanisławowo, Pozga, Bielawy Gołuskie, Gołuszyn, Dźwierzno, Kobyla Łąka, Sławęcin, Zgliczyn Pobodzy, Stawiszyn-Łaziska, Wilewo, Stawiszyn-Zwalewo, Wieluń-Zalesie, Pełki, Małocin, Trzaski;<br>— City of Bieżuń;<br>— The following localities in the Lutocin municipality:<br>Siemcichy, Chromakowo, Przeradz Mały, Przeradz Nowy, Przeradz Wielki, Swojęcin, Mojnowo, Obręb, Parlin, Lutocin, Seroki, Zimolza, Elżbiecin, Felcyn, Jonne;<br>— The following localities in the Siemiątkowo municipality:<br>— Sokołowy Kąt, Siciarz;<br>— The following localities in the in Żuromin municipality:<br>Będzymin, Rzężawy, Kruszewo, Brudnice, Poniatowo, Wiadrowo, Dąbrowa, Cierpigórz, Franciszkowo, Olszewo, Kosewo, Dębsk, Kliczewo Małe, Kliczewo Duże, Wólka Kliczewska, Nowe Nadratowo, Stare Nadratowo, Sadowo;<br>— City of Żuromin. | 12.9.2021 |

| | |
|---|---|
| — The following localities in the Bieżuń municipality:<br>Karniszyn, Karniszyn-Parcele, Sadłowo, Sadłowo-Parcele, Strzeszewo;<br>— The following localities in the Żuromin municipality:<br>Chamsk, Młudzyn. | Mill-4.9.2021 sat-12.9.2021 |
| *Mazowieckie voivodship, mławski district* | |
| — The following localities in the Radzanów municipality:<br>Zgliczyn-Glinki, Zgliczyn Witowy;<br>— The following localities in the Szreńsk municipality:<br>Ługi, Słowikowo. | 12.9.2021” |